MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru. 332/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**

**vs**

**Richard Calleja**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Richard Calleja detentur tal-karta tal-identita` numru 0371781(M).

Akkuzat talli:
1. Nhar 17 ta' Gunju 2008, ghall-habta tal-09.40 a.m. gewwa l-ghassa tal-Imsida u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

U aktar tard fil-lejl ta’ bejn is-16 ta’ Gunju 2008, u is-17 ta’ Gunju 2008, minn gewwa Triq Victor Scerri u f’inhawi ohra f’dawn il-Gzejjer Maltin:
2. ikkommetta serq ta’ proprjeta` (‘diesel u 8 cineg tal-bricks’) minn gewwa vettura bin-numru CBO 342 ghad-dannu ta’ Paul Magri li ghandu numru tal-karta tal-identita` 0487887(M), tas-Sold Construction Limited u/jew terzi persuni ohra, liema serq huwa kwalifikat, bil-valur ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa; u
3. Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 kif diversament presjeduta f’sentenza tal-4 ta’ Lulju 2006, mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL.D.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali, id-dokumenti pprezentati, l-ezami tal-imputat, fejn wiegeb li hu hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu z-zmien opportun sabiex jirregola ruhu, u d-dikjarazzjoni tal-Probation Officer Carmen Nygaard.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264(1), 270, 267, 271(a) u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat Richard Calleja hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qed tpoggih taht *Probation Order* taht is-supervizjoni ta’ ufficjal mahtur ghal dan il-ghan, u dan ghal perjodu ta’ tlett snin.

Inoltre, qeghda wkoll tappunta lill-psikjatra Dr Jean Pierre Giorgio, sabiex f’dan il-perjodu huwa jaghmel *assessment* tal-komportament tal-imputat u jistabilixxi jekk l-atti kontemplati fl-akkuzi odjerni humiex rizultat ta’ xi deficjenza fil-mohh tal-imputat u jekk dan hu l-kaz jippreskrivi kura opportuna.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------